# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħatal-Kunsill LokaliĦal Safi

It-TmienLeġiżlatura

LaqgħaNumru14/2023

15 ta' Diċembru, 2023

Il-Kunsill Lokalita'Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-5:00 pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera (B'mod virtwali) |
| Publio Abdilla | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Skużat:

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | SegretarjuEżekuttiv |

**14.0 Qari tal-ittrita'apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla kienet ser tattendi għal laqgħa tal-Kunsill b'mod virtwali għaliex kienet ma tiflaħx.

**14.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjonital-Minuti**

14.1.1 Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

14.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 13.2.3 (proġett VisMedNet) il-ġranet meta d-delegazzjoni kellhom imorru l-Bulgarija kienu nbiddlu u issa kienu bejn il-25 u 28 ta' Marzu, 2023.

14.1.3 Is-Sindku qal li ref punt 13.2.4 (xiri ta' kotba) il-Kunsill kien għadu qed jistenna kemm minn naħa tal-iskola kif ukoll minn naħa tal-librerija pubblika sabiex jixtru l-kotba u nkunu nistgħu norganizzaw ġurnata sabiex issir il-preżentazzjoni flimkien mal-President tar-Reġjun.

14.1.4 Is-Sindku qal li ref punt 13.2.5 (tiżjin Milied) apparti t-tiżjin li l-Kunsill kien ordna li jsir, il-kuntrattur kien żejjenxi postijiet iżjed jiġifieri Triq San Pawl minn fejn l-għassa tibqa' nieżel l-isfel, ħdejn il-kappillan, kif ukoll kien żejjen is-siġar kollha tal-pjazza. Is-Sindku kkonferma li dan ix-xogħol *extra* ma kienx ser jitlobna ħlas għalihom.

14.1.5 Is-Sindku qal li ref punt 13.4 (sebbaħ il-lokal) kien attenda laqgħa msejħa mill-*Planning Authority*. Is-Sindku qal li waqt l-istess laqgħa kellu konferma li l-Kunsill seta' japplika sabiex jinbidel is-*sintetic turf* tal-grawnd tal-futbol. Huwa spjega li diġa' kien iltaqa' mal-Perit sabiex jipprepara l-BOQs sabiex inkunu nistgħu nitfgħu l-applikazzjoni taħt din l-iskema.

14.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk kienx sar il-*yellow line*(ref punt 13.2.9 Triq San Pawl). Is-Sindku qal li l-linji ma kinux saru għaliex ma kienx ċert sa fejn għandhom jaslu. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li tajjeb li nikkonsultaw ma Transport Malta pero' qablu ukoll li l-ideal isiru quddiem iż-żewġ idjar sa fejn tibda tiftaħ it-triq.

14.1.7 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal li fi Triq San Gwann kantuniera ma'Triq il-Kuċċard kien qed jipparkja vannquddiem il-ħanut il-ġdid bil-konsegwenza li qed ikun perikolużbiextoħroġ minn Triq il-Kuċċard u taqsam lejn iċ-ċimiterju. Il-Viċi Sindku qal li f'dan il-post ukoll kien hemmlok ta' yellow lines. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-linji sofor jitressqu lura.

14.1.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li ref punt 13.3.5 kien mar idur ir-raħal mal-*contracts manger* u staqsa jekk kienx kellem lis-Sindku għaliex il-pjanta li kien hemm fi Sqaq Ħannux kellha tinbidel. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jistenna s-siġar minn naħa tar-Reġjun Punent.

14.1.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa x'kien ser jiġri riġward l-impjant tat-tarmak. Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq kienu ħargu stqarrija għalihom waħedhom filwaqt li l-Kunsill Lokali Ħal Safi ħareġ stqarrija fuq il-paġna ta' Facebook li qed jappoġġja l-Kunsill tal-Imqabba f'din il-kwistjoni kif kien ġie maqbul waqt il-laqgħa. Is-Sindku kkonferma li minħabba dan il-permess kienet saret protesta pero' wieħed għandu jistenna biex jara x'ser jiġri 'l quddiem.

14.1.10 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal mal-applikazzjoni għal *żebra crossing*huwa kien ressaq proposta sabiex isiru *pelican lights, sleeping police* in-naħa taċ-Ċimiterju u li ż-żebgħa tar-roundabout issir aktar frekwenti sabiex tkun tidher ħin kollu. Il-Kunsill qabel ma dawn il-proposti.

14.1.11 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li l-ħabel tal-bandiera ħdejn il-mitħna tax-xarolla kellu bżonn jiġi ssikkat.

**14.2Komunikazzjoni mis-Sindku**

14.2.1 Is-Sindku qal li waqt laqgħa mal-manager tal-ambjent assenjat ma' Regjun Punent kien infurmat li bħal issa kien għaddej progett mal-universita ta' Malta qed jinstalla numru ta' *totems*(singage biex jippromwovu il-mixi). Is-Sindku spjega li f'Ħal Safi kien hemm il-ħsieb li ssir *totem* waħda u li kienu jixtiquha f'post ċentrali fejn jiffrekwentaw ħafna nies. Is-Sindku qal li f'Ħal Safi kienu qed jissuġerixxu li ssir fil-bandli fejn l-ATM. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ssir*t-totem* issir fil-kantuniera fejn l-gym tal-adulti.

14.2.2 Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien attenda laqgħa mal-*Malta Libraries* fejn ippreżentawlna l-*agreement*l-ġdid li rridu niffirmaw mal-libraries.Is-Sindku qal li apparti minn hekk il-*Malta Libraries* qalulna li l-librerija ta' Ħal Safi ntgħażlet biex tkun parti minn proġett pilota rigward il-*Melitensia*. Is-Sindku spjega li għal dan il-proġett kienet ser tiġi ddedikata parti mil-librerija għal *Melitensia* fejn l-pubblikazzjonijiet kollha fuq Ħal Safi ser jiġu ppreservati.Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker ssuġġerixxa li anke d-DVDfuq Ħal Safi jkun on *display* ukoll fil-librerija. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nieħdu sehem f'din l-inizjattiva.

14.2.3 Is-Sindku qal li xtaq iqajjem il-punt rigward il-banda li kienet ser issir nhar il-Ħadd 17 ta' Diċembru. Huwa spjega li normalment il-Kunsill kien iħallas nofs l-ispiża sabiex issir il-banda fi żmien il-Milied b'eċċezzjoni tas-sena l-oħra fejn il-Kunsill kien ħallas l-ispejjeż kollha minn skema li amalgamajniha magħha. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill jibqa' jħallas nofs il-ħlas tal-banda fi żmien il-Milied.

14.2.4 Is-Sindku qal li xtaq ukoll li l-Kunsill jiddiskuta l-armar tat-tiżjin tal-Milied minn naħa tal-Każin Banda San Pawl. Huwa spjega li normalment il-Kunsill kien iħallas €1250 lill-Każin għal dan il-għan. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għal din is-sena l-Kunsill

iħallas il-kont kollu pero' s-sena d-dieħla niddiskutu minn qabel ix-xogħol li ser isir minn naħa tal-Każin u kemm ser tkun l-ispiża.

14.2.5 Is-Sindku qal li fi Triq il-Ħajt Ruman kien hemm bankina n-naħa tal-għelieqi li ma kinitx tkompliu għalhekk issuġerixxa li titneħħa biex isiru parkeġġi minflok.Huwa spjega li dan l-aħħar kienet saret l-espropjazzjoni mill-Gvern tal-istess bankina. Il-Kunsill iddiskuta u qabel lil-bankina għandha titneħħa u minflok isiru parkeġġi u l-Kunsill ikellem lil *public works* forsi jkunu f'pożizzjoni li jagħtuna l-għajnuna u pariri tekniċi rigward ix-xogħolijiet.

14.2.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill diġa' kien iddiskuta li r-Reġjuni kien ingħatalhom fond sabiex dawn jintużaw biex il-latrini pubbliċi madwar Malta u Għawdex isiru *automated*. Huwa spjega li l-Kunsill kien applika sabiex anki l-latrina ta' Ħal Safi tinbidel għal waħda automated u l-Perit tagħna diġa' kien għamlilna l-*ispecifications u BOQs* biex noħorġu l-kuntratt fuq l-*epps*, pero' waqt laqgħa li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Cleansing Department ġiet diskussa il-possibilita' li l-Kunsill jixtri l-materjal imbagħad il-Cleansing Department jagħmlulna x-xogħolijiet huma. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nikkjarifikaw jekk il-Cleansing Department għandux nies kompetenti f'dan il-qasam u jekk nistgħux naraw xi xogħol lest biex inkunu nistgħu nieħdu deċiżjoni kif ser inmexxu biex nirranġaw il-latrina pubblika. Il-Kunsill qabel.

14.2.7 Is-Sindku qal li kif diġa' kien avża lill-Kunsill li s-Surġent tal-Community Police kien inbidel u li kien iltaqa' mas-Surġent il-ġdid li se jkun qed jieħu ħsieb id-distrett tagħna flimkien ma' dak taż-Żurrieq u l-Qrendi. Is-Sindku spjega li minħabba nuqqas ta'reklutaġġ hekk kif jidħlu r-rekluti il-ġodda, Ħal Safi ser ikollu community police assenjat miegħu il-ħin kollu.

14.2.8 Is-Sindku fakkar li t-tournament tal-futball u l-*exhibition* tal-player internazzjonali Hayley Bugeja ser isir bejn l-Erbgħa 27 u l-Ħamis 28 ta' Diċembru, 2023. Is-Sindku qal li min jipparteċipa għall-*penalty shoot out* kien ser jagħti donazzjoni u dawn kienu ser jinġabru b'risq Puttinu Cares. Is-Sindku avża li l-esebizzjoni ser tkun armata fl-IT Room u għarraf lill-Kunsilliera li r-Reġjun Punent kienu ser jippreżentaw vouchers lill-parteċipanti kollha.

14.2.9 Is-Sindku għarraf li diġa' kellna f'idejna s-siġra tal-Milied li armajniha fl-entratura tal-Kunsill (il-parti magħluqa) fejn ser inkunu qed nilqgħu r-rigali sal-21 ta' Diċembru, 2023 biex wara neħduhom taħt is-siġra quddiem Kastilja.

14.2.10 Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu marru biex jiffirmaw il-kuntratt għax-xiri tal-Vann tal-Komunità. Huwa spjega li ma kienx hemm bżonn ta' liċenzja speċjali sabiex wieħed isuq vann ta' 7 seater pero' l-Kunsill għandu jagħmel insurance speċjali peress li ser inkunu qed jintuża għar-residenti. Is-Sindku għarraf li l-vann ser ikun f'idejna għal ħabta tal-aħħar ta' Marzu 2024.

14.2.11 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva talba għaliex Triq ta’ Rqajja fejn tidjieq it-triq kienu qed jipparkjaw sa isfel nett bil-konsegwenza li din il-persuna ma tkunx tista’ toħroġ bil-karozza mill-garaxx. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jsiru yellow lines.

14.2.12 Is-Sindku qal ix-xogħol ta’ tqegħid tal-cables ġodda tal-Enemalta huwa imminenti minħabba l-problema li kien hemm fis-Sajf meta nqata’ ħafna d-dawl. Huwa spjega li minn naħa ta’ Ħal Far wieħed ser jaffettwa lilna l-problema li ser ikollhom jaqilgħu mill-ġdid Triq l-Iskola għaliex iridu jwassluh sas-sub station. Il-Kunsill iddiskuta. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li la ħa terġa’ tinqala’ t-triq naħsbu għal qlib tal-ilma għaliex l-ilma kollu qed iżomm quddiem il-ħanut tal-Paradise.

**14.3 Tweġibiet għal Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

14.3.1 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal linhar it-Tlieta 21 ta’ Novembru 2023, kien attenda laqgħarigward is-Sump u s-Salp (*sustainable mobility and logistics*). Huwa spjega li waqt din il-laqgħa kienu ħarġu riżultati pożittivi ħafna u l-istudju li kien sar minn Dr Antoine Zammit fil-lokalita’ ta’ Ħal Safi intuża ħafna. Il-Kunsillier għarraf li x-xogħol tat-*traffic management* kien sar sew, pero’ għalissa ma kienx ser jiġi implimentat.

14.3.2 Is-Sindku s-Sur Johan Mula staqsa jekk kienx hemm xi sviluppi rigward il-hubs u s-shuttle service li kienu ssemmew minħabbal-karozzi tal-linja. Il-Kunsillier ikkonferma li *Transport Malta* kienu għadhom bl-istess ħsieb u fil-frattemp kienu qed jistudjaw l-ammont ta’ traffiku li jgħaddi kif ukoll il-parkeġġi eżistenti fl-ibliet u rħula Maltin.

14.3.3 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li dak in-nhar tal-laqgħa kien attenda ukoll laqgħa rigward l-intruduzzjoni ta’ *walking bus* għat-tfal tal-iskola primarja. Huwa spjega li f’Ħal Safi fl-2006kien hawn*walking bus* amalgamata mal-eko skola. Il-Kunsillier spjega li minħabba l-avvanz li sar fit-teknoloġija kien qed proponut*mobile app*fejn wieħed ikun jista’ jara l-mappa tal-lokal bir-rotot minn fejn tkun ser tgħaddi l-*walking bus*. Il-Kunsillier qal li din l-inizjattiva ser tkun qed tieħu ħsiebha l-*scool/2 walk* u f’Malta diġa kienet qed tintuża mill-lokalità tas-Siġġiewi u barra minn Malta mil-Latvja u Spanja. Il-Kunsillier qal li kulħadd ser ikun qed iħaddem l-istess app u kulħadd ser ikun jista’ jirranġa r-rotta skond il-ħtieġa u x-xewqa tiegħu b’amministrattur ewlieni persuna mill-iskola. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma’ din l-inizjattiva.

14.3.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li l-*contracts manager* kien qallu li l-Ġimgħa ta’ wara l-laqgħa kien ser isir iż-żbir taż-żebbuġa ta’ Triq Santa Marija (l-parti li ma kinitx imżejna). Il-Kunsill iddiskuta u qabel li mportanti li ssir iż-żabra immedjatament għaliex jekk jagħmel ħafna riħil-frieghi jinkisru. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla kkonferma li ser ikun preżenti waqt li jkun qiegħed isir iż-żbir. Il-Kunsill qabel.

14.3.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li t-tabella u l-mera li kien hemm fil-kantuniera ta’ Triq San Ġwann ma’ Triq San Ġorġ kienet imdawra sabiex jirranġawha l-ħaddiema.

14.3.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li l-Kunsill kien irċieva li Triq in-Nassaba l-parti t'isfel irridu ntuha isem ġdid. Is-Sindku qal li huwa kien fehem li mhux Triq in-Nassaba iżda Triq Salvu Cauchi, l-parti li kien għad trid tinfetaħ.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li l-Kunsill kien qabel li l-ewwel triq ġdida li tissemma' kellna nsemmuha għal memorja ta' Pietru Pawl Busuttil. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nsemmu din it-triq f'isem Pietru Pawl Busuttil imma qabel inkellmu lill-familjari tiegħu sabiex ituna l-approvazzjoni tagħhom.

14.3.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li fl-istess parti tat-triq fil-kantuniera kienu qed joħorġu ż-żibel. Il-Kunsill iddiskuta l-problemi li hemm marbuta mal-ġbir tal-iskart.

14.3.8 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li ukoll fl-istess triq, l-istess blokka kienu qed jipparkjaw fl-isqaq bil-konsegwenza li ma jkunux jistgħu jgħaddu l-karozzi għalhekk hekk kif il-Kunsill ikellem lir-residenti minħabba l-iskart għandna niġbdu ukoll l-attenzjoni tagħhom minħabba l-parkeġġ ħażin li kien qed isir f'dan l-isqaq. Il-Kunsill qabel.

14.3.9Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-Ħadd ta' wara l-laqgħa, fis-17 ta' Diċembru 2023,f'Ħal Safi kien ser ikun hawnFather Christmas idur mar-raħal.

14.3.10Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet fhiex kienet waslet is-sala tal-iskola. Is-Sindku kkonferma li l-iskola kienu ser jużaw is-sala għall-attivitajiet tal-Milied u għalhekk ma jidhirx li kien ser ikollna problema biex l-ikla tal-anzjani ssir ukoll fis-sala tal-komunita'.

**14.4 EV Charing Pillars**

Is-Sindku qal li f'laqgħa preċidenti l-Kunsill kien qabel li waħda mis-suġġerimenti fejn issiru ic-charging pillars tkun fi Triq l-Ibraġġ. Huwa spjega li wara li kienu saru l-verifiki necessarji l-Kunsill kien irċieva li l-post addattat ikun fejn is-*sub station*. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma dan il-lok u qabel ukoll li l-Kunsill jikkonferma sabiex isiru x-xogħolijiet meħtieġa.

**14.5 Milied 2023**

Is-Sindku qal li xtaq jagħti update tal-attivitajiet li l-Kunsill kien qed jorganizza għal żmien il-Milied. Huwa qal li:

It-Tnejn 18 ta' Diċembru, 2023 – Kunċert

It-Tlieta 19 ta’ Diċembru, 2023 – Ikla tal-istaff tal-Kunsill.

L-Erbgħa 27 u l-Ħamis 28 ta’ Diċembru kien ser ikollna lil Haley Bugeja u l-*penalty shoot out* u esebizzjoni b’risq Puttinu Cares.

Il-Ġimgħa 29 ta’ Diċembru, 2023 – Party tat-tfal

Il-Ħadd 7 ta’ Jannar 2024 – Ikla għall-anzjani

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-kwotazzjonijiet li kienet ġabret għall-ikla tal-anzjani. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nagħżlu l-orħos kwotazzjoni.

Is-Sindku qal li l-*Compliance* għal meter fid-*Dog Park* issa kien ħareġ. Huwa spjega fejn kien ġej il-*meter* u li min kien ser iwaħħal il-meter ssuġerixxa li dan isir ġo kaxxa minħabba l-elementi tan-natura. Is-Sindku qal li huwa kien talab biex jagħtina stima għal din il-kaxxa u talab lill-kunsilliera sabiex jekk ikun prezz tajjeb inmexxu bil-meter. Il-Kunsill qabel.

**14.6 Korrispondenza**

Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq il-Korrispondenza.

**14.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta’ Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussiu approvati unanimament, inkluż il-pagamenti kollha relatati ma SPI/SCI/1/2023 Skema għall-attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024.

**14.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fil-20.57. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 24 ta’ Jannar, 2024 fl-4:00pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv